Australian Government

myagedcare



# X'passi jittieħdu biex tidħol f'dar tal-kura tal-anzjani

Bl-eċċezzjoni tal-Commonwealth Coat of Arms u fejn ikun innutat mod ieħor, il-materjal kollu ppreżentat f'dan id-dokument huwa pprovdut skont liċenzja Awstraljana ta' Creative Commons Attribution 3.0 (http://creativecommons.org/licences/by/3.0/au).

Id-dettalji tal-kundizzjonijiet tal-liċenzja relevanti qegħdin fuq il-websajt tal-Creative Commons (aċċessibbli billi tuża l-links ipprovduti) bħala l-kodiċi legali komplut għas-CC BY 3.0 AU licence (http://creativecommons.org/licences/by/3.0/au/legalcode).

Id-dokument għandu jkun attribwit bħala tad-Department of Health *X'passi jittieħdu biex tidħol f'dar tal-kura tal-anzjani*.

## Ikkuntattjana

Mistoqsijiet dwar il-liċenzja u kull użu ta' dan id-dokument huma milqugħa f':

Communication Branch
Department of Health

Email: copyright@health.gov.au

Tista' ssib dan il-prodott f'www.myagedcare.gov.au

L-informazzjoni hija kurrenti sa Ġunju 2018.

Numru tal-pubblikazzjoni: 12203

**Nies Aboriġini u /jew nies Torres Strait Islander huma avżati li dan il-fuljett jista' jkun fih figuri ta' nies mejta.**

# Dan il-ktejjeb adattat għalik?

Dan il-ktejjeb jispjega kif nies anzjani jista' jkollhom aċċess għal kura f'dar tal-kura tal-anzjani, il-proċess kif jidħlu f'dar tal-kura tal-anzjani u x'jistennew meta jkunu hemm.

Għandek taqra dan il-ktejjeb jekk inti (jew xi ħadd li tieħu ħsieb) kont assessjat minn membru ta' Aged Care Assessment Team (ACAT) għal kura f'dar tal-kura tal-anzjani.

Inkella ċempel My Aged Care**1800 200 422** jew iċċekkja www.myagedcare.gov.au għal informazzjoni dwar proċess ta' assessjar u eliġibilità għat-tipi differenti ta' kura tal-anzjani b'fondi mill-gvern:

**Kura għal żmien qasir u flessibbli**

Servizzi ta' kura għal żmien qasir fid-dar jew f'ambjent ta' kura residenzjali għal sitwazzjonijiet bħal m'huma kura restorattiva (terġa' lura għall-indipendenza tiegħek), transizzjoni mill-isptar jew irkuprar minn aċċident jew mard.

**Sapport bażiku fid-dar**

Kura kontinwa jew għal żmien qasir u servizzi ta' sapport permezz tal- Commonwealth Home Support Programme li jinkludu għajnuna fix-xogħol tad-dar, kura personali, ikel u preparazzjoni ta' ikel, trasport, xiri, ħarsien divers tas-saħħa, sapport soċjali u serħan ippjanat (jagħti brejk lill-kerer tiegħek).

**Sapport aktar kumpless fid-dar**

Erba' livelli ta' pakketti ta' servizzi kkoordinati diretti għall-konsumatur permezz tal-Home Care Packages Program (Programm ta' Pakketti ta' Kura fid-Dar) jinkludu kura personali, servizzi ta' sapport u nersing, ħarsien divers tas-saħħa u servizzi kliniċi.

DAN IL-KTEJJEB

**Kura residenzjali tal-anzjani**

Kura personali u nersing fi djar tal-kura tal-anzjani għall-anzjani li ma jkunux jistgħu jgħixu indipendenti fid-dar tagħhom. Din tinkludi wkoll serħan residenzjanli għal żmien qasir f'dar tal-kura tal-anzjani.



# Kontenut

Kura f'dar tal-kura tal-anzjani .......... 4

Ċempel My Aged Care u agħmel assessjar .......... 6

Residential respite care (short stays in aged care homes) .......... 9

Kura ta' mistrieħ residenzjali (meta toqgħod għal żmien qasir fi djar tal-kura tal-anzjani) .......... 10

1. Ikkalkula l-ispejjeż .......... 12

2. Sib dar tal-kura tal-anzjani .......... 18

3. Applika f'dar tal-kura tal-anzjani u aċċetta offerta .......... 20

4. Idħol fi ftehimijiet mad-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek .......... 22

5. Immaniġġja l-kura u s-servizzi tiegħek .......... 24

Aktar għajnuna .......... 28

Lista ta' ċċekkjar – Ikkalkula kemm se jiswielek kollox u sib dar tal-kura tal-anzjani .......... 30

Lista ta' ċċekkjar – Dħul fi ftehimijiet .......... 31

Lista ta' ċċekkjar – Preparazzjoni biex tmur toqgħod f'dar tal-anzjani .......... 32

# Kura f'dar tal-kura tal-anzjani

Dar tal-kura tal-anzjani (kultant magħrufa bħala nursing home jew faċilità residenzjali tal-kura tal-anzjani) hija għal nies anzjani li ma jkunux jistgħu jgħixu aktar fid-dar u jkollhom bżonn għajnuna kontinwa f'xogħol ta' kuljum jew kura tas-saħħa.

Li tgħix jew li toqgħod f'dar tal-kura tal-anzjani huwa li tkun żgur/a li tirċievi l-kura li jkollok bżonn. Djar tal-kura tal-anzjani jistgħu jgħinuk:

- f'xogħol minn jum għall-ieħor (bħal tindif, tisjir, ħasil tal-ħwejjeġ)
- f'kura personali (bħal biex tinħasel, biex tilbes, biex iżżomm ruħek nadif/a, biex tmur it-tojlit)
- kura klinikali (bħal biex tieħu ħsieb ferita u amministrazzjoni ta' mediċina) taħt is-superviżjoni ta' ners irreġistrat/a
- servizzi oħra ta' kura.

Kura residenzjali f'dar tal-kura tal-anzjani tista' tkun ipprovduta fuq bażi permanenti jew għal żmien qasir. Kura għal żmien qasir f'dar tal-kura tal-anzjani hija magħrufa bħala kura ta' mistrieħ residenzjali (ara paġna 9).

Djar tal-kura tal-anzjani huma ta' sidien partikulari u mmexxija min-nies jew minn organizzazzjonijiet li għandhom l-approvazzjoni tal-Gvern Awstraljan biex jipprovdu kura għalik. Għandhom jissodisfaw ċerti standards ta' akkreditazzjoni.

Għażliet ta' djar b'fondi privati, bħal mhuma villaġġi ta' rtirar jew units fejn tgħix indipendenti, joffru varjetà ta' servizzi għal nies anzjani b'ħajja indipendenti. Huma regolati mill-gvernijiet statali u territorjali u ma jeħtiġux approvazzjoni mill-Gvern Awstraljan biex joperaw.

Dawn is-servizzi b'fondi privati jistgħu jkunu approvati wkoll biex jipprovdu servizzi tal-kura tal-anzjani b'fondi mill-Gvern Awstraljan bħal mhuma pakketti ta' kura fid-dar fil-faċilitajiet tagħhom. Jekk tkun eliġibbli, tista' tagħżel li tirċievi servizzi ta' kura tal-anzjani mingħandhom jew minn provveditur approvat ieħor.

## Eliġibilità

Tista' tkun eliġibbli għal kura f'dar tal-kura tal-anzjani jekk int:

- persuna anzjana li ma tistax tgħix aktar indipendenti fid-dar
- persuna żagħżugħa b'diżabilità, dimenzja jew bi bżonnijiet oħra ta' kura speċjali li ma jkunux sodisfatti permezz ta' servizzi speċjalizzati oħra.

## Kura u servizzi disponibbli

Kura u servizzi li għandhom ikunu pprovduti lilek, jekk ikollok bżonnhom, jinkludu:

- Servizzi ta' akkomodazzjoni, bħal mhuma iffittjar ta' għamara u aċċessorji tad-dar, manutenzjoni tal-bini u l-art, ikel, ħtiġijiet bażiċi tat-tindif personali u attivitajiet soċjali fid-dar.
- Għajnuna ta' kura personali bħal mhuma biex tinħasel, biex tiekol, għajnuna biex tieħu l-medikazzjonijiet u li jkunu segwiti t-trattamenti tas-saħħa tiegħek.
- Kura u servizzi skont il-bżonnijiet tal-kura tiegħek, jinkludu:
  - > materjal speċjali għas-sodda
  - > affarijiet ta' mobilità bħal frames biex jgħinuk fil-mixi u siġġijiet tar-roti (minbarra siġġijiet tar-roti bil-mutur u affarijiet ta' għajnuna ordnati skont il-preferenza personali)
  - > affarijiet ta' għajnuna għall-inkontinenza
  - > servizzi tan-nersing
  - > immaniġġjar ta' medikazzjoni
  - > servizzi ta' terapija bħal mhuma speech therapy, kiropodija (kura tas-saqajn) u fiżjoterapija.

Din mhix lista kompluta. Għandek tiddiskuti l-bżonnijiet u l-preferenzi tiegħek mad-dar tal-kura tal-anzjani li tippreferi int.

Xi djar tal-kura tal-anzjani għandhom status ta' servizz ekstra li jfisser li joffru postijiet bi standard ogħla ta' akkomodazzjoni, għażla ta' menù aktar varjat u servizzi li mhumiex ta' kura bħal mhuma l-gazzetti ta' kuljum, bi spejjeż ekstra.

# Ċempel My Aged Care u agħmel assessjar

Jekk ma kontx assessjat/a diġà għal kura f'dar tal-kura tal-anzjani, inkluż mistrieħ residenzjali, int (jew ir-rappreżentant nominat minnek) ikollok iċċempel Aged Care on **1800 200 422**. L-istaff ta' My Aged Care jistaqsuk mistoqsijiet dwar il-bżonnijiet u ċ-ċirkustanzi tiegħek fil-preżent biex ikunu jistgħu jirreferuk għal assessjar.

Jekk il-bżonnijiet tal-kura tiegħek juru li tista' tkun eliġibbli għall-kura f'dar tal-kura tal-anzjani, int tkun irreferut/a għal assessjar b'xejn ma' membru tal-Aged Care Assessment Team (ACAT) fil-lokal tiegħek (jew Aged Care Assessment Service (ACAS) f'Victoria).

Il-membru tal-ACAT fil-lokal tiegħek (issoltu ners, ħaddiem/a soċjali jew professjonist/a ieħor/oħra tal-kura tas-saħħa) jagħmel/tagħmel appuntament biex jiġi/tiġi f'darek u jitkellem/titkellem miegħek dwar is-sitwazzjoni preżenti tiegħek u jassessjak/tassessjak għal servizzi tal- kura tal-anzjani b'fondi mill-gvern.

Tista' tħossok inkwetat/a li se tkun assessjat/a minn xi ħadd li ma tafx u x'jista' jfisser l-assessjar għalik. L-assessur huwa/hija mħarreġ/imħarrġa biex jitkellem/titkellem man-nies fis-sitwazzjoni tiegħek u jifhem/tifhem kif tħossok. Għidilhom onestament dwar is-sitwazzjoni tiegħek u dak li jista' jkun qed jinkwieta lilek jew lill-familja tiegħek.

Inti nkoraġġut/a li jkollok lil xi ħaddieħor miegħek bħal ħabib/a, membru tal-familja jew kerer għall-assessjar tiegħek.

Jekk ikollok xi tħassib dwar l-assessjar tiegħek, ipprova tkellem mal-assessur tiegħek tal-ACAT jew mal-maniġer l-ewwel. Jekk ma tafx id-dettalji tal-organizzazzjoni tal-ACAT, iċ-ċentru ta' kuntatt tal-My Aged Care jista' jagħtik din l-informazzjoni.

Jekk ma tkunx tista' tirrisolvi l-kwistjoni mal-ACAT l-ewwel, itlobhom jagħtuk id-dettalji tal-kuntatt tal-maniġer tad-dipartiment tal-gvern fl-istat jew territorju fejn toqgħod.



## Riżultat tal-assessjar tiegħek

Wara l-assessjar tiegħek, assessur jagħmel/tagħmel deċiżjoni formali dwar il-bżonnijiet tal-kura tiegħek. Jekk tkun assessjat/a bħala eliġibbli biex tidħol f'dar tal-kura tal-anzjani, inti tirċievi ittra ta' approvazzjoni u pjan ta' sapport mill-ACAT tiegħek li jindikaw il-kura li int tkun approvat/a li tirċievi. Il-pjan ta' sapport jinkludi kodiċi uniku ta' referenza li inti tagħti lill-provveditur tal-għażla tiegħek, jekk u meta inti tagħżel li tmur f'dar tal-kura tal-anzjani. Deċiżjonijiet dwar id-dħul f'dar tal-kura tal-anzjani għandhom isiru bi ftehim miegħek.

Jekk int ma tkunx approvat/a biex tidħol f'dar tal-kura tal-anzjani, int tirċievi ittra li tgħid għaliex u lil min tikkuntattja għal aktar għajnuna. Tista' tkun eliġibbli għal kura u servizzi oħra. Jekk iva, din l-informazzjoni tkun inkluża fl-ittra tiegħek.

Jekk il-bżonnijiet ta' kura tiegħek jinbidlu f'xi żmien, tista' titlob għal assessjar ġdid billi ċċempel lil My Aged Care.

Jekk ma tirċivix ittra ta' approvazzjoni li tispjega d-deċiżjoni tal-assessjar tiegħek, l-ewwel għandek tikkuntattja lill-ACAT tiegħek jew iċċempel lil My Aged Care u itlob għal kopja.

## *Tħassib dwar ir-riżultat tal-assessjar tiegħek*

L-ittra li tirċievi mill-ACAT tinkludi aktar informazzjoni dwar kif tista' tagħmel ilment jew kif tappella d-deċiżjoni.

Jekk ma taqbilx mar-riżultat tal-assessjar fl-ittra tiegħek jew tkun trid tiddiskuti xi ħaġa li tkun qed tinkwetak dwar id-deċiżjoni, l-ewwel għandek tikkuntattja lill-ACAT tiegħek.

Jekk, wara li tkun tkellimt mal-assessur tiegħek u tkun għadek ma taqbilx mar-riżultat tal-assessjar tiegħek, tista' titlob għal reviżjoni tad-deċiżjoni billi tikteb lis-Secretary tad-Department of Health li fiha tgħid għaliex taħseb li għandha tinbidel.

Għandek tikteb fl-indirizz li ġej:

The Secretary
Department of Health
Attn: Aged Care Assessment Program
GPO Box 9848
Sydney NSW 2001

Għandek tikteb lis-Secretary (Segretarju/Segretarja) fi 28 ġurnata wara li tirċievi l-ittra tiegħek. M'hemm l-ebda ħlas meta titlob għal reviżjoni tar-riżultat tal-assessjar. Jekk ma tkunx sodisfatt/a bir-riżultat ta' din ir-reviżjoni, tista' tmur quddiem l-Administrative Appeals Tribunal. M'hemmx ħlas għal dan. Sib aktar informazzjoni fuq il-websajt tagħhom f' www.aat.gov.au jew ċempel **1800 228 333**.

# Kura ta' mistrieħ residenzjali (meta toqgħod għal żmien qasir fi djar tal-kura tal-anzjani)

Jekk il-kerers tiegħek fid-dar ma jkunux jistgħu jieħdu ħsiebek għal xi raġuni, jew ikunu jixtiequ brejk milli jieħdu ħsiebek, inti tista' toqgħod għal żmien qasir f'dar tal-kura tal-anzjani. Din hija magħrufa bħala 'kura ta' mistrieħ residenzjali', u tista' tintalab fuq bażi ppjanata jew ta' emerġenza.

## *Kura disponibbli*

Dar tal-kura tal-anzjani tista' tipprovdi varjetà ta' kura u servizzi, skont il-bżonnijiet tiegħek. Dawn għandhom ikunu l-istess daqs li kont tirċievu kieku mort toqgħod fid-dar għal kollox.

Jista' jkollok aċċess għal serħan residenzjali sa' 63 ġurnata kull sena finanzjarja. Int jew il-provveditur tiegħek tista' titlob biex testendi dan iż-żmien f'ammonti ta' 21 ġurnata billi tikkuntattja l-ACAT fil-lokal tiegħek.

## *Aċċess għal kura ta' serħan residenzjali*

Ikollok bżonn assessjar tal-ACAT għal serħan f'dar tal-kura tal-anzjani. L-aċċess għas-servizz ivarja minn reġjun għall-ieħor, u l-assessjar jiddetermina l-bżonnijiet tiegħek, skont l-għajnuna li jkun hemm disponibbli fejn toqgħod int.

Jekk ikollok bżonn kura ta' serħan urġenti, ċempel il- Commonwealth Respite and Carelink Centre fil-lokal tiegħek **1800 052 222** waqt il-ħinijiet tax-xogħol jew **1800 059 059** wara l-ħinijiet tax-xogħol.

Ara wkoll **l-ispejjeż għall-kura ta' serħan residenzjali** fuq paġna 16.

# Il-proċess ta' aċċess ta' kura f'dar tal-anzjani

Wara li tkun assessjat/a u tirċievi ittra li tgħid li inti approvat/a biex tidħol f'dar tal-kura tal-anzjani, segwi l-proċess biex tidħol f'dar tal-kura tal-anzjani u timmaniġġja s-servizzi tiegħek:

1. Ikkalkula l-ispejjeż
2. Sib dar tal-kura tal-anzjani
3. Applika għal dar tal-kura tal-anzjani u aċċetta offerta
4. Idħol fi ftehimijiet mad-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek
5. Immaniġġja l-kura u s-servizzi tiegħek

### *Għajnuna fl-aċċess ta' servizzi tal-kura tal-anzjani*

Jekk tkun trid aktar għajnuna, xi ħadd li jitkellem għalik jista' jgħinek biex ikollok aċċess għal servizzi ta' kura tal-anzjani b'fondi tal-Gvern Awstraljan. Servizzi ta' għajnuna jistgħu jagħtuk informazzjoni dwar id-drittijiet u r-responsabilitajiet tiegħek meta jkollok aċċess għal servizzi ta' kura tal-anzjani.

Servizzi ta' min jirrappreżentak huma b'xejn, kunfidenzjali u indipendenti. Ċempel in-National Aged Care Advocacy Line **1800 700 600**.



# 1. Ikkalkula l-ispejjeż

Il-Gvern Awstraljan jissussidja djar tal-kura tal-anzjani biex iżomm l-ispejjeż xierqa u li wieħed ikun jista' jaffordja. Sussidji bbażati skont il-bżonnijiet tal-kura tiegħek ikunu direttament imħallsa lid-dar.

Fuq bażi medja, il-Gvern Awstraljan jikkontribwixxi madwar $65,000 fis-sena għal kull resident/a permanenti f'dar tal-kura tal-anzjani. Dan l-ammont jiżdied kull sena.

Jekk tkun eliġibbli, mistenni/mistennija li tikkontribwixxi għall-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u l-kura tiegħek jekk tkun tista' taffordja li tagħmel dan.

My Aged Care jistgħu jagħtuk kalkolu tal-miżati li x'aktarx ikollok tħallas. Biex tikseb kalkolu tista' ċċempel **1800 200 422** jew uża l-Fee Estimator tad-djar tal-kura tal-anzjani fuq il-websajt: www.myagedcare.gov.au/fee-estimator/residential-care/form

## *Spejjeż li jista' jkollok tħallas għalihom*

Hemm diversi miżati li tista' tkun mitlub/a tħallas inklużi:

- **miżata bażika ta' kuljum**
  Din tkopri spejjeż għall-ħajja ta' kuljum, bħal ikel, dawl, gass u ħasil tal-ħwejjeġ. Kulħadd jista' jkun mitlub li jħallas din il-miżata u għal xi nies, din hija l-unika miżata li jkollhom bżonn iħallsu.

  Id-Department of Veterans' Affairs (DVA) iħallas il-miżata bażika ta' kuljum għal dawk li kienu Priġunieri tal-Gwerra (POW) u dawk li rċivew il-Victoria Cross (VC) li jkunu eliġibbli.
- **miżata għall-kura skont id-dħul tiegħek**
  Jekk id-dħul u l-assi tiegħek ikunu aktar minn ċertu ammont, tista' tkun mitlub/a tikkontribwixxi għall-ispejjeż tal-kura tiegħek. The Department of Human Services (DHS) jgħidlek jekk ikollokx bżonn tħallas din il-miżata u l-ammont ikun ibbażat fuq l-assessjar tad-dħul u l-assi tiegħek.

  L-eks POWs u dawk li rċivew il-VC li jkunu eliġibbli huma eżentati milli jħallsu miżata għall-kura skont id-dħul tagħhom.

- **spejjeż ta' akkomodazzjoni**
  Din hija għall-akkomodazzjoni tiegħek fid-dar. Xi nies ikollhom l-ispejjeż għall-akkomodazzjoni tagħhom imħallsa kompletament jew parzjalment mill-Gvern Awstraljan, waqt li oħrajn ikollhom bżonn iħallsu l-prezz tal-akkomodazzjoni li dwaru jkun hemm qbil mad-dar tal-kura tal-anzjani. DHS jgħidulek x'japplika għalik skont l-assessjar tad-dħul u l-assi tiegħek.
- **miżati għal servizzi ekstra u addizzjonali**
  Jista' jkollok tħallas ekstra jekk tagħżel akkomodazzjoni ta' standard ogħla jew servizzi addizzjonali li jkunu aktar mill-bżonnijiet tal-kura li kont assessjat/a għalihom jew li l-kura u s-servizzi tad-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek jipprovdulek.

  L-istaff jassessjaw il-bżonnijiet tal-kura tiegħek f'erba' ġimgħat wara li tmur toqgħod fid-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek billi jużaw għodda magħrufa bħala l-Aged Care Funding Instrument (ACFI). Tkellem mad-dar tiegħek dwar kif huma jkunu kklassifikaw il-bżonnijiet ta' kura tiegħek billu jużaw l-ACFI. Dan jgħinek biex tifhem x'kura u x'servizzi tista' tiċċarġjak d-dar u x' ma tistax tiċċarġjak għalihom. Jekk ikollok bżonnijiet ta' kura ta' livell baxx jista' jkollok tħallas ekstra għal xi servizzi. Jekk ikollok bżonnijiet ta' kura ta' livell għoli, id-dar fejn toqgħod ma tistax titolbok biex tħallas għal ċerti servizzi.

  Dawn il-miżati jvarjaw minn dar għal dar, għalhekk iċċekkja mal-provveditur tad-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek għad-dettalji ta' dawn is-servizzi u l-miżati li japplikaw.

Miżati jitħallsu għal kull ġurnata li tkun f'dar tal-kura tal-anzjani. Dawn ikunu kkalkulati kuljum imma ġeneralment jitħallsu kull ħmistax jew kull xahar.

## *Ipprepara l-assessjar finanzjarju tiegħek*

Ikollok bżonn assessjar tad-dħul u l-assi biex tara jekk tkunx eliġibbli għal għajnuna mill-gvern fl-ispejjeż tal-akkomodazzjoni tiegħek u jekk ikollokx bżonn tħallas miżata ta' kura skont it-test tad-dħul. Kemm tħallas jiddependi fuq ir-riżultat ta' dan l-assessjar tad-dħul u l-assi.

**Għandek tipprepara għal assessjar formali tad-dħul u l-assi malajr kemm jista' jkun possibbli billi dan il-proċess jieħu ż-żmien.**

L-assessjar isir mid-DHS, minbarra għal membri eliġibbli tal-komunità veterana li l-assessjar tagħhom jista' jsir mid-DVA.

Biex tapplika għall-assessjar tiegħek tad-dħul u l-assi għandek timla l- *Permanent Residential Aged Care Request for a Combined Assets and Income Assessment* (SA457) li hija formula.

Tista' tikseb din il-formula mid-DHS jew billi ċċempel **1800 227 475** u titlob biex tintbagħatlek kopja, jew billi tniżżel kopja tal-formula mill-websajt tad-DHS f' www.humanservices.gov.au/individuals/forms/sa457

Jekk ma tagħmilx assessjar tad-dħul u l-assi, ma tkunx eliġibbli għal għajnuna mill-gvern fl-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u l-kura tiegħek. Id-dar tal-kura tal-anzjani, imbagħad jistgħu jistaqsuk biex tħallas il-massimu tal-miżata tal-kura skont it-test tad-dħul u l-ħlas għal akkomodazzjoni (sal-massimu tal-prezz tal-kamra ppubblikat minnhom).

Jieħdu tal-anqas ġimagħtejn mid-data li inti tissottometti l-formula tal-assessjar tad-dħul u l-assi biex tirċievi informazzjoni dwar il-miżati tiegħek. Wara dak iż-żmien għandek tiċċekkja s-sitwazzjoni tal-assessjar tiegħek billi tikkuntattja lid-DHS **1800 227 475** jew DVA **1800 555 254**.

## Ittra ta' notifikazzjoni tal-miżati

Jekk tirċievi assessjar finanzjarju qabel tmur toqgħod f'dar tal-kura tal-anzjani, tirċievi ittra dwar il-miżati massimi li tista' tintalab li tħallas. L-informazzjoni tkun valida għal 120 ġurnata – sakemm ma jkunx hemm bidla sinifikanti fiċ-ċirkustanzi tiegħek. Jekk ikun hemm bidla fiċ-ċirkustanzi tiegħek, ikollok bżonn tgħarraf lid-DHS jew lid-DVA li jibgħatulek mill-ġdid l-ittri ta' informazzjoni tal-ħlas tal-miżati tiegħek.

Għandek tieħu din l-ittra miegħek għal kull diskussjonijiet li jkollok ma' djar potenzjali tal-kura tal-anzjani biex tgħinek tifhem l-ispejjeż li tgħix fid-dar tagħhom.

Meta tkun mort toqgħod fid-dar, id-DHS jibagħtu lilek u lid-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek ittra li tindika l-miżati massimi li inti tista' tkun mitlub/a tħallas.

- miżata bażika ta' kuljum, u
- miżata għall-kura skont id-dħul tiegħek, jekk tapplika, jew
- kontribuzzjoni ta' akkomodazzjoni, jekk tapplika.

DHS jibagħtu lilek u lid-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek ittra kull darba li jkun hemm bidla sinifikanti fil-miżata għall-kura skont it-test tad-dħul tiegħek jew fil-kontribuzzjoni tal-akkomodazzjoni.

## *Spejjeż ta' akkomodazzjoni*

L-ammont li tista' tkun mitlub/a biex tħallas għall-akkomodazzjoni tiegħek ikun wieħed minn dawn li ġejjin:

- Ma jkunx hemm spejjeż tal-akkomodazzjoni: jekk id-dħul u l-assi tiegħek ikunu taħt ċertu ammont. Il-Gvern Awstraljan iħallas l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni tiegħek.
- 'Kontribuzzjoni tal-akkomodazzjoni': jekk ikollok bżonn tħallas għall-parti mill-akkomodazzjoni tiegħek, il-Gvern Awstraljan iħallas għall-bqija.
- 'Ħlas tal-akkomodazzjoni': jekk ikollok bżonn tħallas għall-ispiża sħiħa tal-akkomodazzjoni tiegħek, ikollok bżonn tinnegozja prezz għal kamra mal-provveditur.

DHS javżawk x'japplika għalik. Kemm jekk ikollok tħallas għall-akkomodazzjoni tiegħek jew le, kull min imur joqgħod f'dar tal-kura tal-anzjani ikollu bżonn jaqbel bil-miktub dwar prezz għal kamra mad-dar tal-kura tal-anzjani tiegħu/tagħha (sal-massimu tal-prezz tal-kamra ppubblikat fuq My Aged Care). Il-prezz tal-kamra li taqbel dwaru għandu jkun inkluż fil-ftehim tal- akkomodazzjoni li jingħata lilek qabel tidħol toqgħod hemm.

Jekk tkun meħtieġ/a biex tħallas kontribuzzjoni tal-akkomodazzjoni jew ħlas ta' akkomodazzjoni, għandek 28 ġurnata mill-ġurnata li tmur toqgħod fid-dar biex tiddeċiedi dwar il-metodu tal-ħlas tiegħek. Tista' tagħżel li tħallas l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni tiegħek:

- permezz ta' somma flus f'daqqa 'refundable accommodation deposit' (RAD) jew kontribuzzjoni msejħa 'refundable accommodation contribution' (RAC)
- ħlasijiet stil tal-kera msejħa 'daily accommodation payment' (DAP) jew 'daily accommodation contribution' (DAC)
- taħlita tat-tnejn, somma ta' flus f'daqqa u ħlasijiet stil tal-kera (RAD u DAP jew RAC u DAC).

Għandek tħallas l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni tiegħek bil-metodu ta' ħlas stil tal-kera sakemm tiddeċiedi kif tkun trid tħallas għall-akkomodazzjoni tiegħek.

Jekk tkun mitlub/a biex tagħmel kontribuzzjoni tal-akkomodazzjoni, l-ammont massimu li tista' tkun mitlub/a tħallas ikun deċiż mid-DHS.

Id-djar kollha tal-kura tal-anzjani li jiċċarġjaw ħlas ta' akkomodazzjoni huma meħtieġa li jippubblikaw l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni tagħhom fuq il-websajt tal-My Aged Care fis-servizz fejn jinstabu d-djar tal-kura tal-anzjani: www.myagedcare.gov.au/service-finder/aged-care-homes

## Ikolli nħallas il-massimu tal-prezz tal-kamra ppubblikat fuq My Aged Care?

Il-prezz tal-kamra rreklamant huwa l-prezz massimu li d-dar tal-kura tal-anzjani tista' titolbok tħallas, madankollu, tista' tkun kapaċi li tinnegozja prezz aktar baxx, direttament mad-dar tal-kura tal-anzjani.

## *Spejjeż ta' kura ta' mistrieħ residenzjali*

Jekk tirċievi kura ta' mistrieħ residenzjali permezz ta' dar tal-kura tal-anzjani, ma jkollokx għalfejn tħallas għal xi spejjeż ta' akkomodazzjoni jew miżati ta' kura skont kemm iddaħħal.

Jista' jkollok tħallas miżata bażika ta' kuljum u forsi miżata għall-ibbukkjar.

DVA jistgħu jħallsu l-miżata bażika ta' kuljum għal veterani eliġibbli u għal romol tal-gwerra. Ikkuntattja Veterans' Home Care għal assessjar billi ċċempel **1300 550 450**.

Il-miżata biex tibbukkja hija ħlas bil-quddiem tal-miżati tal-kura ta' mistrieħ residenzjali u mhux ħlas ekstra. Il-miżata tal-ibbukkjar ma tistax tkun aktar mis-somma tal-miżata ta' ġurnata bażika ta' ġimgħa sħiħa, jew 25% tal-miżata taż-żmien kollu li toqgħod hemm, jiddependi skont liema ammont ikun l-anqas.

Tista' tkun mitlub/a wkoll biex tħallas għal kura u servizzi ekstra jew addizzjonali.

## *Għajnuna fi żmien ta' diffikultà finanzjarja*

Hemm għajnuna jekk ikollok diffikultà biex tħallas għall-ispejjeż tal-kura u l-akkomodazzjoni tiegħek għal raġunijiet li ma jkunux fil-kontroll tiegħek. Għajnuna fi żmien ta' diffikultà finanzjarja tista' tinkiseb biex tgħinek f'dawn l-ispejjeż. Jiddependi skont is-sitwazzjoni personali tiegħek, tista' tapplika għal għajnuna finanzjarja fil-miżata bażika ta' kuljum tiegħek, il-miżata ta' kura skont id-dħul tiegħek u/jew spejjeż ta' akkomodazzjoni.

Aktar informazzjoni dwar għajnuna fi żmien ta' diffikultà finanzjarja tinkiseb minn fuq il-websajt tal-My Aged Care, inkluż kif tista' tapplika, jew tista' ċċempel My Aged Care **1800 200 422**.





## *Informazzjoni finanzjarja u edukazzjoni*

Tista' tikseb informazzjoni bażika dwar l-immaniġġjar tal-finanzi tiegħek mid-DHS Financial Information Service (Servizz ta' Informazzjoni Finanzjarja). Dan is-servizz b'xejn u kunfidenzjali jista' jgħinek tagħmel deċiżjonijet infurmati dwar investiment u kwistjonijiet finanzjari għall-bżonnijiet tiegħek tal-preżent u tal-futur. Għal aktar informazzjoni dwar il-Financial Information Service, ċempel DHS **132 300** u għid 'financial information service' meta jkellmuk.

# 2. Sib dar tal-kura tal-anzjani

Meta tkun qed tiddeċiedi dwar dar tal-kura tal-anzjani, huwa importanti li tkun taf jekk id-dar għandhiex il-kura u s-servizzi li jkollok bżonn int, issa u fil-futur. L-aħjar mod biex issib post li jaqbel għalik huwa li żżur ftit djar differenti biex tiċċekkja:

- kif inhi l-akkomodazzjoni
- x'tip ta' kura, servizzi u attivitajiet li joffru
- kif l-aħjar jissodisfaw il-bżonnijiet individwali tiegħek
- il-miżati li jista' jkollok bżonn tħallas għall-kura u s-servizzi
- prezzijiet ta' akkomodazzjoni
- kull servizzi addizzjonali li joffru.

Sib provvedituri fl-inħawi lokali tiegħek bl-għajnuna tal-assessur tiegħek billi tuża s-servizz ta' tfittxija tad-djar tal-kura tal-anzjani: www.myagedcare.gov.au/service-finder/aged-care-homes jew billi ċċempel My Aged Care **1800 200 422**. Imbagħad tista' tikkuntattjahom biex tħejji ħin għal żjara.

## *Iltaqa' mal-provvedituri*

Qabel iżżur xi djar tal-kura tal-anzjani, tkun idea tajba li tagħmel lista tal-affarijiet li huma importanti għalik. Tista' tieħu miegħek:

- l-ittra u d-dettalji ta' kodiċi ta' referenza mill-assessur tal-ACAT, billi xi djar ikunu jridu jafu li kellek approvazzjoni biex tirċievi kura residenzjali u x'servizzi jkollok bżonn
- l-ittra ta' notifikazzjoni tal-miżata mid-DHS, jekk diġà jkollok ir-riżultat ta' assessjar finanzjarju.

Waqt li żżur kull dar, jekk trid tista' tagħmel ukoll noti dwar dak li jogħġbok, dak li ma jogħġbokx u jekk tħossokx komdu/komda hemmhekk. L-impressjonijiet tiegħek tal-istaff u tal-ambjent jgħinuk tagħmel deċiżjoni dwar liema dar hija tajba għalik.

Uża l-lista ta' ċċekkjar fin-naħa ta' wara ta' dan il-ktejjeb biex tgħinek tagħmel riċerka u ssib provvedituri li jissodisfaw l-aħjar il-bżonnijiet tiegħek.

## Mistoqsijiet li tista' tagħmel lill-provvedituri:

- X'tip ta' servizzi ta' kura hemm u dawk li mhumiex ipprovduti? X'servizzi rrid inħallas għalihom?
- Tistgħu tgħinuni fil-bżonnijiet mediċi tiegħi bħal mhuma għajnuna biex nieħu l-medikazzjoni jew kura ta' feriti?
- Tistgħu tissodisfaw il-bżonnijiet individwali tiegħi? Dawn jistgħu jinkludu lingwa u kultura, twemmin reliġjuż jew identità sesswali, pets u aċċess għal żjajjar tat-tobba.
- X'inhuma l-arranġamenti għal ħin l-ikel? Dawn jinkludu x'ħin toqgħod bilqiegħda għall-ikel, il-ħinijiet, menus, viżitaturi, ikel fil-kamra tiegħek u dieti speċjali.
- Kif tiżguraw il-privatezza tiegħi?
- Kif ikunu deċiżi attivitajiet soċjali u kulturali? Kif l-interessi tiegħi jkunu kkunsidrati?
- Xi trasport jista' jkolli aċċess għalih biex inżur il-ħwienet, il-familja u l-ħbieb jew għal appuntamenti mediċi? Kemm jiswa dan?
- X'taħriġ għandhom l-istaff li jieħdu ħsieb in-nies? Ikolli aċċess għal nersis kkwalifikati jekk u meta jkolli bżonnhom?
- Kemm ikun in-numru tal-istaff li jipprovdu kura matul il-lejl?
- Kif is-sieħeb/sieħba tiegħi, familja u ħbieb jistgħu jkunu nvoluti fil-kura tiegħi? Jistgħu joqogħdu matul il-lejl jekk ikun hemm bżonn? X'jiġri jekk inkun irrid noqgħod ma' membri tal-familja matul il-lejl?
- Tistgħu tagħmluli appuntamenti u li jkolli aċċess għal servizzi tas-saħħa? Nista' nibqa' nara t-Tabib tiegħi u professjonisti oħra tas-saħħa?
- X'iċċekkjar hemm fis-sistema biex ikun żgurat li s-servizzi jkunu ta' kwalità?
- Kif kienet ikklassifikata d-dar meta kienet spezzjonata għall-akkreditazzjoni tagħha?
- X'qegħdin tagħmlu biex ittejbu l-kwalità ta' kura u s-servizzi?
- X'oqsma qegħdin taħdmu fuqhom għal titjib u x'riżultati rajtu?
- Kif tinvolvu nies anzjani, il-familji tagħhom u l-kerers f'deċiżjonijiet jew biex tagħmlu titjib fil-kwalità?
- Qatt inkun mitlub/a biex nitlaq mid-dar tal-kura tal-anzjani jew biex nibdel il-kmamar?

# 3. Applika għal dar tal-kura tal-anzjani u aċċetta offerta

Meta ssib djar tal-kura tal-anzjani li jissodisfaw il-bżonnijiet tiegħek, tista' tibda tapplika għal post. Tista' tapplika f'kemm-il dar trid. Tkun idea tajba li tapplika f'numru ta' djar billi d-dar preferuta tiegħek mhux dejjem ikollha post disponibbli meta jkollok bżonn kamra. Meta jkun hemm post disponibbli, id-dar tal-kura tal-anzjani tikkuntattja lilek jew lill-persuna ta' kuntatt nominata minnek.

## *Imla formula ta' applikazzjoni*

Id-djar kollha tal-kura tal-anzjani għandhom il-proċess ta' applikazzjoni tagħhom u jistgħu jitolbuk biex timla formula. Tkellem mad-djar li tkun interessat/a fihom u ara xi proċess għandhom u x'informazzjoni jkollhom bżonn.

Trid tagħti l-kodiċi uniku ta' referenza li tirċievi mill-ACAT tiegħek lill-provveditur/i tal-għażla tiegħek. Dan jippermettilhom li jaraw ir-rekord tal-klijent tiegħek u jikkunsidraw il-bżonnijiet tal-kura tiegħek biex jgħinuk tidħol f'dar tal-kura tal-anzjani.

## *Aċċetta offerta*

Meta post ikun disponibbli, id-dar tal-kura tal-anzjani tikkuntattja lilek jew lill-persuna ta' kuntatt nominata minnek. Meta taċċetta offerta ta' post f'dar tal-kura tal-anzjani, id-dar toffrilek ftehimijiet formali li jkopru affarijiet bħal servizzi, spejjeż ta' akkomodazzjoni u d-drittijiet u r-responsabilitajiet tiegħek.

> Uża l-lista ta' ċċekkjar fin-naħa ta' wara ta' dan il-ktejjeb biex tipprepara biex tidħol fid-dar. Dan jinkludi l-organizzazzjoni tal-affarijiet mediċi u finanzjarji tiegħek, u lil min ikollok tinforma li se tmur toqgħod x'imkien ieħor.



# 4. Idħol fi ftehimijiet mad-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek

Wara li taċċetta post u qabel tidħol fil-post, id-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek għandha toffrilek **ftehim bħala resident/a**.

Tkun offrut/a ukoll **ftehim ta' akkomodazzjoni** mad-dar qabel tidħol għall-kura. Dan il-ftehim jista' jkun inkluż bħala parti mill-ftehim tiegħek ta' resident/a jew jista' jkun separat.

Il-ftehim ta' resident/a u l-ftehim ta' akkomodazzjoni huma dokumenti skont il-liġi bejnek u bejn id-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek. Jispeċifikaw:

- il-kura u s-servizzi disponibbli
- x'miżati jkollok tħallas
- kif jistgħu jitħallsu l-miżati
- id-drittijiet u r-responsabilitajiet tiegħek.

Huwa importanti li tifhem kollox f'dawn il-ftehimijiet qabel tiffirmahom. Jekk ikollok xi mistoqsijiet, għandek tistaqsi lid-dar ġdida tiegħek tal-kura tal-anzjani. Hija r-responsabilità tagħhom li jiżguraw li l-ftehimijiet offruti lilek huma ċari.

Il-ftehimijiet proposti jistgħu ma jinkludux l-affarijiet kollha li int taħseb huma importanti, għalhekk tkun idea tajba li tiċċekkjahom qabel tiffirma. Tista' titlob ukoll:

- lill-provveditur tiegħek għal aktar informazzjoni, bħal proċeduri tal-ikel u ż-żjajjar fid-dar, u dettalji oħra dwar il-ħajja fid-dar
- lill-familja tiegħek, ħbieb, kerer, konsulent finanzjarju jew professjonist legali biex jgħinuk tifhem it-termini tal-ftehim tiegħek
- li tikseb għajnuna minn xi ħadd li jitkellem għalik. Ċempel in-National Aged Care Advocacy Line **1800 700 600**.

Uża l-lista ta' ċċekkjar fin-naħa ta' wara tal-ktejjeb biex tgħinek tinnegozja l-ftehimijiet tiegħek mal-provveditur preferut tiegħek.

## Għajnuna fl-innegozjar tal-ispejjeż tal-kura u l-akkomodazzjoni tiegħek

Tista' titlob lil xi ħadd biex jinnegozja mal-provveditur tal-kura tal-anzjani dwar il-miżati u l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni tiegħek f'ismek.

Inti jew il-persuna li tkun qed tgħinek ikollkom bżonn tiddiskutu u taqblu formalment għal kull spejjeż u miżati ta' akkomodazzjoni mad-dar tal-kura tal-anzjani qabel tidħol toqgħod hemm.

## Iffirmar tal-ftehimijiet

Mhemmx limitu ta' żmien jew ħtieġa għalik li tiffirma l-ftehim tar-resident jew il-ftehim ta' akkomodazzjoni. Iżda, huwa fl-aħjar interess tiegħek li taqbel għall-arranġament li jkopri id-drittijiet u r-responsabilitajiet tiegħek malajr kemm jista' jkun.

Jekk taqbel li ma tiffirmax dawn il-ftehimijiet, id-dar tal-kura tal-anzjani xorta jkollha titkellem miegħek dwar il-bżonnijiet tiegħek. Din il-konversazzjoni tkun ftehim verbali dwar it-tip ta' kura u servizzi li inti tirċievi u x'miżati japplikaw. Xorta trid tħallas il-miżati tiegħek ta' kuljum u kull ħlasijiet ta' akkomodazzjoni relevanti oħra meta tidħol fid-dar.

Għandek 28 ġurnata wara li tkun dħalt fid-dar tal-kura tal-anzjani biex tiddeċiedi kif tkun trid tħallas għall-ispejjeż tal-akkomodazzjoni tiegħek u tidħol fi ftehim ta' akkomodazzjoni. Għandek tħallas għall-akkomodazzjoni tiegħek bi ħlas ta' stil ta' kera sakemm tagħmel din id-deċiżjoni.

## Drittijiet u responsabilitajiet

Biex tkun żgur li tikseb l-aħjar kura, inti u l-provveditur tiegħek għandkom responsabilitajiet skont iċ-Ċarter tad-Drittijiet u r-Responsabilitajiet ta' Dawk li Jirċievu Kura – Kura Residenzjali.

Iċ-Ċarter ikun disponibbli fid-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek, jew tista' titlob lid-dar tiegħek għal kopja meta joffrulek ftehim ta' residenza.

# 5. Immaniġġja l-kura u s-servizzi tiegħek

## *Meta żżur tabib, dentist jew speċjalista*

Tista' żżomm it-tabib, id-dentist jew l-ispeċjalist tiegħek. Id-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek għandha tgħinek biex tagħmel appuntamenti u jkollok aċċess għat-tobba jew speċjalisti tal-għażla tiegħek jekk ikollok bżonn. M'għandux ikollok bżonn tħallas lid-dar talli jagħmlulek dawn l-appuntamenti. Madankollu, inti, ġeneralment ikollok tħallas il-miżata ta' konsultazzjoni.

Id-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek tista' tgħinek ukoll biex tħejji t-trasport lejn u mill-appuntamenti mediċi tiegħek. Jista' jkollok tħallas għat-trasport u għall-membru tal-istaff biex jakkumpanjak/takkumpanjak.

## *Attivitajiet soċjali*

Id-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek torganizza attivitajiet soċjali u attivitajiet oħra. Għidilhom dwar il-passatempi u l-interessi tiegħek biex ikunu jistgħu jgħinuk tkompli bihom waqt li tkun fid-dar. Jistgħu wkoll jissuġġerulek affarijiet oħra x'tipprova.

## Viżitaturi komunitarji

Jekk tħossok waħdek u ma jkollokx kuntatt regulari mal-familja jew mal-ħbieb, il-Community Visitors Scheme (CVS) tista' tipprovdi opportunitajiet għal kuntatt soċjali.

Jekk tkun tixtieq viżitatur komunitarju, tista' tgħarraf lid-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek. Il-familja u l-ħbieb tiegħek jistgħu jgħarrfu wkoll lid-dar jekk jaħsbu li inti tibbenifika mill-CVS. Id-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek tista' tavviċina wkoll direttament lill-CVS.

Żur il-websajt tad-Department of Health (www.health.gov.au) u fittex għall- "CVS Network Members" għal dettalji ta' kuntatt fl-istat jew territorju tiegħek jew ċempel My Aged Care **1800 200 422**. Hemm ukoll CVS li tilħaq il-bżonnijiet ta' anzjani LGBTI.

## *Meta tieħu l-leave*

### Nista' mmur vaganza?

Jekk tkun trid tmur vaganza jew iżżur il-familja u l-ħbieb tista' tuża sa 52 lejl ta' leave soċjali mid-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek f'sena finanzjarja. Xorta jkollok tħallas għall-miżati tas-soltu tiegħek u spejjeż ta' akkomodazzjoni.

Jekk ma tmurx lura fid-dar għal aktar minn 52 lejl f'sena finanzjarja, il-Gvern Awstraljan jieqaf iħallas is-sussidji u d-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek tista' titolbok biex tħallas dan l-ammont int.

### X'jiġri jekk ikolli bżonn immur l-isptar?

Jekk ikollok bżonn tmur l-isptar, iż-żmien li ma tagħmilx fid-dar ma jkunx jgħodd bħala leave soċjali, imma xorta jkollok tħallas il-miżati tas-soltu u l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni.

## *Bidla fil-kmamar*

Jekk inti sodisfatt/a bid-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek, imma tkun trid tibdel il-kmamar, tista' tistaqsi lill-maniġer tad-dar tiegħek. Għandhom jikkunsidraw it-talba tiegħek, anke jekk ma jkunx possibbli li joffrulek kamra oħra mill-ewwel.

Jista' jkollok bżonn li tinnegozja ftehim ġdid ta' akkomodazzjoni u prezz ta' akkomodazzjoni jekk tibdel il-kmamar, pereżempju jekk tagħżel li minn kamra li tkun taqsam ma' ħaddieħor tmur f'kamra waħdek. Tista' tkun mitlub/a wkoll li tħallas ekstra jew tħallas miżati ta' servizz addizzjonali assoċjati mal-kamra ġdida.

### Tista' d-dar iġġegħelni nibdel il-kmamar?

Hemm ċirkustanzi fejn inti tista' tkun mibgħut/a f'kamra oħra mingħajr majistaqsuk biex tibdel il-kamra. Jekk ikollok xi nkwiet dwar li tkun mitlub/a biex tibdel il-kmamar jew kif se jagħmlu biex tmur f'kamra oħra, tkellem mal-maniġer tad-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek.

## *Kif turi dak li jkun jinkwetak*

Jekk ma tkunx kuntent/a dwar il-kura jew is-servizzi li tirċievi, għandek id-dritt turi l-inkwiet tiegħek:

- Ħafna drabi l-aħjar huwa li titkellem mal-provveditur tas-servizz tiegħek dwar l-ilment tiegħek biex tara jekk jistgħux jgħinuk, billi tista' tkun xi ħaġa li tkun solvuta faċilment.
- Jekk tkun tixtieq, jista' jkollok membru tal-familja, ħabib/a, kerer jew persuna tal-kura tal-anzjani li titkellem għalik li tkun miegħek meta tiltaqa' mal-provveditur tas-servizz tal-kura tal-anzjani tiegħek.

Jekk l-ilment ma jkunx solvut mill-provveditur tas-servizz, jew ma tħossokx komdu/komda turi dak li jkun qed jinkwetak magħhom, tista' turi dak li jkun jinkwetak mal-Aged Care Complaints Commissioner.

Dan huwa servizz b'xejn u tista' tikkuntattjahom billi:

- Iċċempel – **1800 550 552**
- Online – www.agedcarecomplaints.gov.au
- Bil-kitba – indirizza l-ilment bil-kitba lill-:

  Aged Care Complaints Commissioner
  GPO Box 9848
  (Il-belt kapitali tiegħek u stat/territorju)



# Aktar għajnuna

## *Servizzi ta' Traduzzjoni u interpretar*

Jekk titkellem lingwa oħra minbarra l-Ingliż, tista' ċċempel lit- Translating and Interpreting Service (TIS National) għall-prezz ta' telefonata lokali **131 450**. TIS National ikopri aktar minn 100 lingwa. Ċempel u staqsi għal My Aged Care **1800 200 422**.

## *Għajnuna għal nies b'diffikultajiet ta' smigħ jew biex jitkellmu*

Ikkuntattja My Aged Care permezz tan-National Relay Service (NRS). Għal aktar informazzjoni, iċċekkja il-websajt tan-NRS (www.relayservice.gov.au) biex tagħżel il-punt ta' aċċess preferut tiegħek jew ċempel lin-NRS Helpdesk **1800 555 660**.

## *Għajnuna għal nies bi bżonnijiet diversi*

Hemm programmi, informazzjoni u sapport għall-Awstraljani anzjani minn sfond differenti li jinkludu:

- nies Aboriġini u Torres Strait Islander
- nies minn sfond kulturali jew lingwistiku divers
- nies li jgħixu f'inħawi rurali u remoti
- nies li huma finanzjarjament jew soċjalment żvantaġġati
- veterani, id-dipendenti tagħhom u r-romol
- nies li m'għandhomx fejn joqogħdu jew f'riskju li jitilfu darhom
- nies li huma lesbjani, gay, bisesswali, transgender jew intersex
- nies li huma Care Leavers (adulti li jgħaddu żmien f'istituzzjoni jew f'foster care bħala tifel/tifla)
- ġenituri separati mit-tfal tagħhom permezz ta' adozzjoni sfurzata jew itteħdulhom l-ulied.

Li tkun taf dwar il-bżonnijiet individwali tiegħek jgħin lill-provveditur joffrilek kura u sapport li jkunu xierqa u jirrispettaw id-diversità tiegħek.

## *Għajnuna għall-kerers*

Jekk il-kerer tiegħek ikun/tkun irid/trid sapport addizzjonali, ikkuntattja Carer Gateway **1800 422 737** jew iċċekkja www.carergateway.gov.au biex tkun taf aktar dwar is-servizzi li jappoġġjaw lill-kerers.

## *Aktar informazzjoni*

Żur il-websajt My Aged Care (www.myagedcare.gov.au) għal aktar informazzjoni dettaljata nkluża informazzjoni addizzjonali dwar spejjeż.

## *Ħlasijiet ta' telefonati*

**Numri13/1300** – Ċarġis għal telefonati fuq numri 13/1300 minn telefowns fissi u mowbajl huma differenti. Telefonati għal numri li jibdew b'13/1300 minn telefowns fissi huma ċċarġjati bi prezz simili ta' telefonata lokali. Telefonati minn mowbajls jistgħu jkunu ċċarġjati rata għolja.

**Numri 1800** – Telefonati għal numri li jibdew b'1800 huma b'xejn minn telefowns fissi u l-biċċa l-kbira tal-provvedituri ta' mowbajls fl-Awstralja issa joffru telefonati b'xejn għal numri 1800 – iċċekkja mal-provveditur tal-mowbajl tiegħek.



## Lista ta' ċċekkjar – Ikkalkula kemm se jiswielek kollox u sib dar tal-kura tal-anzjani

Uża din il-lista ta' ċċekkjar biex tgħinek taħdem x'jista' jkollok bżonn biex tħallas għall-ispejjeż tal-kura u l-akkomodazzjoni tiegħek u sib provveditur li jissodisfa l-bżonnijiet tiegħek.

### Wara l-assessjar tiegħek

- tircievi ittra ta' approvazzjoni u pjan ta' sapport mill-ACAT tiegħek.

### Kalkolu tal-ispejjeż

- ikkalkola l-ispejjeż billi tuża l-fee estimator għad-djar tal-kura tal-anzjani fuq il-websajt My Aged Care: www.myagedcare.gov.au/fee-estimator/residential-care/form

### Ipprepara għal assessjar finanzjarju kmieni

- ċempel lid-DHS **1800 227 475** u itlob biex tintbagħatlek formula tal-assessjar tad-dħul u l-assi jew niżżel kopja tal-formula mill-websajt tad-DHS: www.humanservices.gov.au/individuals/forms/sa457
- issottometti l-formula tal-assessjar tad-dħul u l-assi lid-DHS jew lid-DVA
- għarraf lid-DHS jew lid-DVA jekk ikun hemm bidla fis-sitwazzjoni finanzjarja tiegħek u huma jerġgħu joħorġu l-ittra li tavża l-ammont tal-miżata tiegħek
- tista' taħtar lil xi ħadd biex jaġixxi f'ismek mad-DHS dwar miżati u ħlasijiet ta' akkomodazzjoni: imla Appointment of a Nominee form mid-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek jew mill-websajt tad-DHS jew ċempel **1800 227 475** u itlob biex tintbagħatlek waħda.

### Agħmel lista qasira tad-djar tal-kura tal-anzjani li inti interessat/a fihom

- uża s-servizz ta' tfittxija fuq il-websajt My Aged Care jew ċempel My Aged Care **1800 200 422** biex issib djar tal-kura tal-anzjani fl-inħawi fejn toqgħod. It-tab tal-ħlas jista' jagħtik idea tal-ħlasijiet ta' akkomodazzjoni.

### Ikkuntattja/żur id-djar tal-kura tal-anzjani ppreferuti minnek biex tiddiskuti x'joffru u kemm jiswew

- ħu miegħek l-ittra ta' approvazzjoni tiegħek mill-ACAT tiegħek
- ħu miegħek l-ittra mid-DHS li tindika n-notifikazzjoni ta' ħlas tal-miżata

  **Noti:** Jekk tkun għadek ma ppreparajtx għal assessjar dwar id-dħul u l-assi, ċempel lid-DHS **1800 227 475**
- agħmel lista ta' x'inhu importanti għalik u mistoqsijiet li għandek tistaqsi
- agħmel noti dwar kull dar li żżur, pereżempju x'jogħġbok/x'ma jogħġbokx u l-impressjonijiet dwar l-istaff u l-ambjent
- staqsi dwar il-miżati u l-ħlasijiet ta' akkomodazzjoni
- staqsi dwar servizzi addizzjonali li joffru u kemm jiswew
- applika għal post f'dar/djar li togħġbok billi tuża l-formula ta' applikazzjoni għal dar tal-kura tal-anzjani.

# Lista ta' ċċekkjar – Dħul fi ftehimijiet

Meta tkun aċċettajt offerta għal post f'dar tal-kura tal-anzjani, id-dar toffrilek ftehim ta' resident/a u ftehim dwar l-akkomodazzjoni. Dawn jistgħu jkunu kollha flimkien fi ftehim wieħed.

Tista' titlob lil xi ħadd biex jinnegozja mal-provveditur tal-kura tal-anzjani dwar il-miżati għall-kura tiegħek f'ismek. Tista' tinkludi lil din il-persuna nominata fil-ftehim ta' residenza tiegħek.

---

**Ftiehem dwar il-prezz tal-kamra bil-miktub qabel tidħol fid-dar.**

---

**Iċċekkja li l-ftehim tar-residenza tiegħek jinkludi:**

- l-isem tad-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek
- il-kura u s-servizzi li tipprovdi d-dar
- il-policies u l-prattiċi wżati biex ikunu ssettjati l-miżati tiegħek u l-ħlasijiet ta' akkomodazzjoni
- il-miżati ta' kuljum li tkun mitlub/a tħallas
- il-miżati tal-kura skont kemm iddaħħal jekk japplika
- kull miżati ta' servizz addizzjonali għas-servizz għal kura oħra skont l-għażla tiegħek jew servizzi li taqbel dwarhom (flimkien ma' dawk li d-dar għandha tipprovdilek skont il-bżonnijiet ta' kura tiegħek)
- drittijiet u responsabilitajiet tar-residenti u tad-dar tal-kura tal-anzjani
- kif id-dar tal-kura tal-anzjani timmaniġġja l-ilmenti
- kull ċirkustanzi fejn tista' tkun mitlub/a li tħalli l-post u kif id-dar tal-kura tal-anzjani tgħinek issib x'imkien ieħor fejn tmur toqgħod
- kull affarijiet oħra li taqbel dwarhom int u d-dar tal-kura tal-anzjani.

---

**Iċċekkja li l-ftehim tal-akkomodazzjoni tiegħek jinkludi:**

- il-prezz tal-akkomodazzjoni li tkun qbilt li tħallas lid-dar
- kundizzjonijiet oħra tal-ħlas tal-akkomodazzjoni tiegħek jew kontribuzzjoni u, jekk japplikaw, iċ-ċirkustanzi ta' ħlas lura tal-bilanċ tas-somma ta' ħlas f'daqqa jekk titlaq mill-post jew tmut
- kull miżati ta' servizz ekstra għal akkomodazzjoni standard għolja, ikel u servizzi li ma jkunux ta' kura, jekk tkun se tidħol f'post b'servizz ekstra
- kull miżata għal servizz addizzjonali għal kura oħra jew servizzi li tkun qbilt li tħallas għalihom
- l-akkomodazzjoni speċifika li tkun ipprovdut/a jekk tħallas ħlas għal akkomodazzjoni, kontribuzzjoni jew l-ebda wieħed minn dawn
- kull servizzi li l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni tiegħek ikopru
- kundizzjonijiet biex tibdel il-kmamar.

---

**Għandek 28 ġurnata wara li tmur toqgħod f'dar tal-kura tal-anzjani biex tiddeċiedi kif tkun tixtieq tħallas għall-akkomodazzjoni tiegħek.**

# Lista ta' ċċekkjar – Preparazzjoni biex tmur toqgħod f'dar tal-anzjani

Meta tkun offrut/a post f'dar tal-kura tal-anzjani, uża din il-lista biex tiċċekkja lil min għandek tgħarraf li se tibdel fejn toqgħod.

## Familja u ħbieb

- il-familja u l-ħbieb tiegħek, kerer/s u ġirien.

## Professjonisti tas-saħħa

- it-tabib tiegħek/GP
  - > jekk ikollok bżonn li tibdel it-tobba, itlob biex l-istorja medika tiegħek tintbagħat lit-tabib ġdid tiegħek
  - > agħmel nota tal-kura medika u medikazzjoni oħra tiegħek fil-preżent biex tkun tista' tiddiskuti dan mad-dar il-ġdida tal-kura tal-anzjani bħala parti mill-pjan ta' kura tiegħek
- professjonisti oħra tas-saħħa li tara regularment, pereżempju speċjalisti, dentist, eċċ
- in-ners fil-komunità tiegħek
- l-ispiżjar tiegħek.

## Għajnuna ta' sapport fid-dar

- min jiħodlok ħsieb il-ġnien tiegħek jew il-persuna li timmowja l-lawn
- il-cleaner jew min jgħinek fid-dar
- Meals on Wheels u servizzi oħra ta' sapport
- il-provveditur tal-pakkett tal-kura fid-dar tiegħek.

## Dipartimenti u aġenziji tal-gvern

- Department of Veterans' Affairs (DVA) – **1800 555 254**
- Department of Human Services (DHS) – **132 300**
- Australian Taxation Office – **132 861**
- Medicare – **132 011**
- l-uffiċċju tal-lokal tiegħek tal- Australian Electoral Commission
- l-awtorità tat-toroq u trasport tal-lokal tiegħek (għal-liċenzja tas-sewqan tiegħek)
- l-uffiċċju tal-posta tal-lokal tiegħek
- il-kunsill lokali tiegħek.

## Finanzi u inxurjans

- il-kumpanija tal-inxurjans tas-saħħa tiegħek
- il-kumpanija tas-superannuation tiegħek
- il-bank tiegħek, building society jew credit union.

## Affarijiet oħra

- utilitajiet bħal telefown, gass, elettriku u ilma
- djar oħra tal-kura tal-anzjani li applikajt biex tidħol fihom, jekk ma tkunx trid aktar li tmur hemmhekk (għalkemm tista' tagħżel li tħalli l-applikazzjoni tiegħek għal kunsiderazzjoni, jekk ikun għadek interessat/a).

# Noti

Għal għajnuna żur www.myagedcare.gov.au jew ċempel **1800 200 422**.
L-informazzjoni kollha f'din il-pubblikazzjoni hija korretta sa Ġunju 2018.

12203 Ġunju 2018